MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**GALEA DEBONO JOSEPH**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 133/2002/1

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**Vs**

**Omissis**
**Jeremy James Farrugia**
**Neil Carl Farrugia**

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
1) f'dawn il-Gzejjer nhar is-7 t'April, 2000 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;
2) matul il-lejl ta' bejn is-6 t'April, 2000 u s-7 t'April, 2000 waqt li kienu f'Attard ikommettew serq ta' vettura tal-

ghamla Morris 1100, bin-numru tar-registrazzjoni DAN-906, liema serq li huwa kkwalifikat bil-vjolenza, hin, mezz u valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, sar ghad-detriment ta’ Leonard Grech minn Attard;
3) kif ukoll fl-istess data, waqt li kienu f’B’Kara, f’xi hin bejn is-1.00 ta’ filghodu w s-2.00 ta’ filghodu kkommettew serq ta’ oggetti fosthom kwantita’ ta’ flixken ta’ xorb alkoholiku, mill-istabbiliment bl-isem “Price Club Discount Supermarket”, liema serq li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment bl-isem “Price Club Discount Supermarket” huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, hin u valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;
4) kif ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jikkommettu serq ta’ oggetti mill-istabbiliment bl-isem “Price Club Discount Supermarket” urew dan il-hsieb b’atti esterni taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, hin, mezz, u valur li jiskorri l-elf lira Maltija ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment bl-isem “Price Club Discount Supermarket”, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ taghhom;
5) u aktar lil Jeremy James Farrugia u lil Neil Carl Farrugia wahedhom talli matul il-lejl ta’ bejn il-31 ta’ Marzu, 2000 u l-1 t’April, 2000 ikkommettew serq ta’ oggetti fosthom kwantita’ ta’ flixken ta’ xorb alkoholiku, liema serq li sar ghad-detriment tal-istabbiliment bl-isem “Price Club Discount Supermarket” huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;
6) kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara li tiskorri il-valur ta’ hamsin lira Maltija, imma ma tiskorrix il-valur ta’ hames mitt lira Maltija saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment “Price Club Discount Supermarket”;
7) u aktar lil Jeremy James Farrugia wahdu talli matul il-lejl ta’ bejn it-28 ta’ Marzu 2000 u d-29 ta’ Marzu 2000 waqt li kien f’B’Kara kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom kwantita’ ta’ flixken tax-xorb mill-istabbiliment “Price Club Discount Supermarket” liema serq li huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, u valur li ma jiskorrix l-elf lira

Maltija, sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment “Price Club Discount Supermarket”;

8) kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara li tiskorri l-valur ta’ hamsin lira Maltija imma ma tiskorrix il-valur ta’ hames mitt lira Maltija saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment “Price Club Discount Store”;

9) u aktar talli lil Jeremy James Farrugia, lil Neil Carl Farrugia kif ukoll lil Anthony Abela talli f’dawn il-Gzejjer nhar is-7 t’April, 2000 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkunu indahlu sabiex ibieghhuhom jew imexxuhom, liema hwejjeg misruqa gew minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;

10) kif ukoll talli matul il-lejl ta’ bejn is-6 t’April 2000 u s-7 t’April, 2000 waqt li kienu f’B’Kara f’xi hin bejn is-1.00 ta’ filghodu u s-2.00 ta’ filghodu volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara li tiskorri l-valur ta’ hamsin lira Maltija imma ma tiskorrix il-valur ta’ hames mitt lira Maltija, saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment “Price Club Discount Supermarket”;

11) kif ukoll lil Jeremy James Farrugia wahdu talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ s-surgent tal-Pulizija 1377 Emanuel Cilia waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzjoni ta’ dak is-servizz;

12) kif ukoll lil Jeremy James Farrugia u lil Neil Carl Farrugia, talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti li jikkonsisti f’dagha;

13) kif ukoll lil Neil Carl Farrugia wahdu, talli matul il-lejl ta’ bejn is-6 t’April 2000 u s-7 t’April, 2000, f’dawn il-Gzejjer saq il-vettura tal-ghamla Morris 1100, bin-numru tar-registrazzjoni DAN-906 minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ sigurta’ dwar riskji ghal terzi persuni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 t’Ottubru, 2001, li biha wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap 9, kif ukoll l-Artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lil Neil Carl Farrugia hati tal-akkuza ta’ serq bl-aggravju tal-valur, tal-hin, tal-vjolenza, tal-mezz, tan-natura tal-haga misruqa u ta’ hsara voluntarja, u ma sabitux hati tal-akkuza ta’ ricettazzjoni u talli saq vettura meta ma kienx kopert b’polza tas-sigurta’ u ghalhekk illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ tlett snin u poggitu taht is-supervizzjoni tal-Probation Officer Mariella Camilleri tul dan il-perjodu kollu b’dan li l-istess Probation Officer kellha tinforma lil Qorti dwar l-andament tieghu.

Fil-konfront ta’ Jeremy James Farrugia, il-Qorti sabitu hati tar-reat ta’ serq kontinwat bl-aggravju tal-hin, tal-mezz, tal-valur, tal-vjolenza, tan-natura tal-haga misruqa u talli kkommetta hsara volontarja u ma sabitux hati tar-reat ta’ ricettazzjoni, ingurja jew theddid lil Ufficjal Pubbliku u attakk u resistenza fuq Ufficjal Pubbliku u recidiv, u ghalhekk ikkunndannatu ghal piena karcerarja ta’ sena liema perjodu ghandu jigi sospiz ghal perjodu ta’ sentejn, kif ukoll poggitu that is-supervizzjoni tal-Probation Officer Mariella Camilleri ghal perjodu ta’ tlett snin.

Rat id-denunzji maghmula mill-Probation Officer Mariella Camilleri tal-25 ta’ Frar, 2002 fil-konfront taz-zewg akkuzati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Mejju, 2002, li biha wara li semghet ix-xhieda tal-Probation Officer, Mariella Camilleri u wara li rat l-artikolu 8 (2) tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lil Neil Carl Farrugia u lil Jeremy James Farrugia hatja u kkundannathom kull wiehed ghal piena ta’ erbatax (14) il-xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ipprezentat fit-28 ta’ Mejju, 2002, li bih talbu lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza, u f’kaz li ssib il-htija tirriforma s-sentenza billi taghti piena aktar gusta w ekwa.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti li pprezentaw rikors tal-appell wiehed , fil-qosor , jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :- 1. li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti ; 2. illi r-rikors tal-Probation Officer isemmi biss li l-appellanti ma obdewx xi direttivi li inghatawlhom imma fil-process ma jidhirx x'inhuma dawn id-direttivi w jekk kienux ta' natura importanti, ragjonevoli w fuq kollox jekk setghux jottemperaw ruhom ma dawn id-direttivi ; 3. illi mill-process ma rrizultax li l-appellanti kienu ghamlu xi dikjarazjoni li diga ppakkjaw il-hwejjeg biex imorru l-habs u l-ewwel Qorti kellha tillimita ruha biss ghall-atti tal-process u mhux kwalsiasi informazzjoni li jkun barra mill-proceduri jew mill-provi li ngabru ; 4. li l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni li meta l-appellanti kkommettew ir-reati li ghalihom instabu hatja kienu t-tnejn minorenni w dana barra mill-fatt li anki meta allegatament kisru l-probation order , Jeremy James Farrugia kien u huwa minorenni w dan il-fatt kien imissu ttiehed in konsiderazzjoni ghall-fini ta' piena ; 5. li l-Ewwel Qorti ma semmiet xejn dwar iz-zmien li l-appellanti kienu ghamlu minghajr liberta' provizorja w jekk dan iz-zmien ghandux jitnaqqas mill-piena karcerarja w li dan il-kaz jimmerita tali tnaqqis; 6. li ghandu jkun hemm piena aktar gusta ghax dik ta' erbatax il-xahar habs hija wahda esagerata w mhux proporzjonata.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza w tal-prosekuzzjoni ;

Fliet l-atti kollha processwali nkluzi dawk konkluzi bis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta moghtija fis-16 ta' Jannar, 2002 fuq appell ta' ko-akkuzat Anthony Abela (appell Nru. 192/2001 VDG), liema process jinsab alligat ma dak rigwardanti l-appell odjern ;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Jannar, 2003 , bil-fakolta' li tigi rikjamata ghal data aktar vicina jekk is-sentenza tkun tista' tinghata w bil-fakolta' lil Dr. Malcolm Mifsud li jipprezenta nota bil-visto tal-Prosekuzzjoni dwar dak li kellu jkun il-massimu tal-piena li setghet tinghata mill-Qorti - liema nota riedet tigi

prezentata sal-31 t’Ottubru, 2002 - u bil-fakolta’ lill-Prosekuzzjoni li twiegeb fi zmien gimgha.

Rat li la d-difiza w lanqas il-Prosekuzzjoni ma pprezentaw xi nota ghal dan l-effett fit-terminu utili lilhom moghti.

Rat l-ordni taghha biex din il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum ;

Ikkonsidrat ;

Illi jirrizulta li z-zewg appellanti odjerni kienu gew akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-8 t’April, 2000 , b’diversi reati ta’ serq, diversi reati ta’ hsarat volontarji , ricettazzjoni , theddid u offizi fuq persuni inkarikati minn servizz pubbliku, kliem oxxen fil-pubbliku , sewqan bla licenzja , sew wahedhom , jew flimkien jew anki flimkien ma persuna ohra.

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kienet b’ sentenza taghha tat-18 t’ Ottubru, 2001 , wara li rat li l-appellant odjern NEIL CARL FARRUGIA kien “a first time offender” , sabitu hati ta’ serq bl-aggravju tal-valur , tal-hin , tal-vjolenza , tal-mezz , tan-natura tal-haga misruqa w ta’ hsara volontarja w mhux hati tal-akkuza ta’ ricettazzjoni w li saq vettura meta ma kienx kopert b’polza tas-sigurta’ u lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal periodu ta’ tlitt snin mid-data tas-sentenza w poggietu taht is-supervizzjoni tal-Probation Officer Mariella Camilleri tul dak il-periodu kollu b’ dana li l-istess Probation Officer kellha tinforma lill-Qorti dwar l-andament tieghu w b’dan li hu kellu jobdi kull ordni moghtija lilu minn din il-Probation Officer u jzomm kuntatt regolari maghha.

Umbaghad fl-istess Sentenza , l-istess Qorti, wara li rat li meta gew kommessi r-reati , JEREMY JAMES FARRUGIA kellu biss hmistax il-sena u kien ghadu “a first time offender” , pero’ li minn dak in-nhar sad-data tas-sentenza hu kien instab hati ta’ diversi reati kif irrizultala mill-fedina penali tieghu w dejjem fuq akkuzi ta’ serq , u wara li rat ir-rapport tal-psikjatri Dr. Joseph Spiteri w Dr.

Josanne Holloway , iddikjaratu hati tar-reat ta’ serq kontinwat , bl-aggravju tal-hin , tal-mezz tal-valur , tal-vjolenza , tan-natura tal-haga misruqa w talli kkommetta hsara volontarja , w mhux hati ta’ ricettazzjoni , ngurji w theddid lil ufficjal pubbliku , attakk u rezistenza , w ta’ recidiva . Il-Qorti kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sena liema periodu kien qed jigi sospiz ghal periodu ta’ sentejn taht l-art. 28A tal-Kap.9 . Inoltre poggietu taht is-supervizzjoni tal-Probation Officer Mariella Camilleri ghall-periodu ta’ tlitt snin ai termini tal-art. 5 tal-Kap.152 , b’dana li hu kellu jobdi kull ordni moghtija lilu minn u jzomm kuntatt regolari ma l-Probation Officer u f’kaz li ma jsegwix l-ordnijiet taghha , l-Qorti esigiet li tkun infurmata minnufieh.

Illi din is-sentenza ghaddiet in gudikat fil-konfront taz-zewg appellanti odjerni w ma kienx sar appell minnha.

Illi gara pero’ li b’ zewg Noti taghha tal-25 ta’ Frar, 2002 , il-Probation Officer Mariella Camilleri ghamlet denunzja fis-sens tal-artikolu 8 tal-Att XII tal-1957 dwar il-Probation tal-Hatjin kontra z-zewg appellanti odjerni , fejn allegat li huma naqsu milli joqghodu ghad-direttivi moghtija minnha sabiex tigi assikurata r-riabilitazzjoni taghhom u li ghalhekk fic-cirkostanzi hassitha fid-dmir li tattira l-attenzjoni ta’ dik il-Qorti ghal dak il-fatt biex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa w opportuni . Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ordnat in-notifika ta’ dawn in-noti kemm lill-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll lill-appellanti odjerni li naqsu li jwiegbu bil-miktub u appuntat l-incident ghas-smiegh ghall-5 ta‘ Marzu, 2002. Fl-inkartament, il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Marzu, 2002 , “inter alia” jghid hekk :-

“....dehru l-imputati assistiti minn Dottor Chris Soler......Dehret is-Senior Probation Officer

Mariella Camilleri li bil-gurament taghha ddikjarat li l-probationers Jeremy James

Farrugia w Neil Carl Farrugia ddikjaraw li ma jridux joqghodu taht ordni ta‘ probation

u li jridu jmorru l-habs.”

Il-kaz umbaghad gie differit ghat-12 ta’ Marzu , 2002 , meta dehru l-appellanti w l-prosekutur izda ma jidher li sar

xejn u gie differit mill-gdid ghall-4 t'April, 2002 ghall-informazzjoni ulterjuri. Fl-4 t'April, 2002, xehdet bil-gurament Mariella Camilleri w qalet testwalment hekk :-

"..ghal dawn l-ahhar tlitt gimghat iz-zewg imputati kienu fil-Facilita ' Korrettiva ta' Kordin

u dana peress illi tilfu l-liberta' provizorja , peress illi kienu kisru l-kundizzjoni moghtija

lilhom meta nghataw il-liberta' provizorja w qed jistennew sentenza mill-Qorti. Fil-prezent

jinsabu detenuti l-habs u ghalhekk m'hemmx wisq x'nista' nghid dwarhom . Ghalhekk il-

problemi li kont qed nalludi ghalihom fid-denunzja li ghamilt , illum il-gurnata m'ghadhomx

jipprezentaw ruhom ."

Il-kaz umbaghad gie differit ghall-20 ta' Mejju, 2002 , meta il-Qorti tal-Magistrati tat is-sentenza appellata u kkundannathom ghall-piena ta' prigunerija ta' erbatax (14) il-xahar wara li ddikjarathom hatja talli kisru l-ordni tal-probation u wara li rat l-artikolu 8 (2) tal-Kap.152.

Illi kif jidher mis-sentenza originali tat-18 t'Ottubru, 2001, l-Ewwel Qorti imxiet mall-appellant Jeremy James Farrugia billi applikat id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali w tatu sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn . Oltre dan poggietu taht supervizjoni ta' probation officer ghall-periodu ta' tlitt snin "ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap.152 tal-Ligijiet ta' Malta" (Sic!) . Issa hawn ta' min jirrileva li ghall-korrettezza l-Ewwel Qorti ma kienx imissha invokat l-Art. 5 tal-Kap.152 , imma l-artikolu 28G tal-Kap.9 li proprju jiddisponi li f'kazijiet fejn jigi applikat l-artikolu 28A u tinghata sentenza sospiza , dik il-Qorti tkun tista' b'zieda taghmel ordni ta' supervizjoni f'sentenza sospiza li jqieghed lill-hati taht is-supervizjoni ta' ufficjal sorveljanti ghall-periodu li jigi specifikat fl-ordni li jkun periodu li ma jkunx aktar mill-periodu operattiv .

Kieku sar hekk , kif suppost li sar , umbaghad kien jiskatta l-provvediment tal-art. 28G (9) li jghid li jekk f'xi zmien meta jkun ghadu fis-sehh l-ordni ta' supervizjoni , il-Qorti li tkun ghamlet l-ordni ikun jidhrilha , wara li jsirilha rapport bil-miktub mill-ufficjal sorveljanti, li l-hati jkun naqas li jikkonforma ruhu ma xi htiega li hemm fis-subartikolu (2) u

(3) tal-istess art.28G , dik il-Qorti , ghandha ggieghel lill-hati jingieb quddiemha f'jum stabilit u f'hin stabilit , u jekk ,wara li tkun semghet lill-hati , tkun sodisfatta li dak in-nuqqas ikun sehh , hija tista' jew f'kazijiet serji jew ripetuti tordna li is-sentenza sospiza moghtija fil-procedimenti li fihom ikun sar l-ordni tas-supervizjoni tibda ssehh, jew minghajr hsara ghall-kontinwazzjoni tal-ordni , twahhlu ammenda ta' mhux izjed minn mitt lira.

Illi dan ifisser li l-Ewwel Qorti ma setghetx wara li applikat l-art.28A b'mod komplessiv ghar-reati kollha li taghhom instab hati l-appellant , tapplika ukoll mieghu ghall-istess reati d-dispozittiv tal-art. 5 tal-Kap.152 , imma suppost applikat id-dispozittiv l-artikolu 28G tal-Kap.9 li bih kienet tilhaq l-istess oggettiv u fl-istess waqt kienet tkun konformi mall-ligi .

Illi pero' diga' ntqal li l-ewwel sentenza w cioe' dik tat-18 t'Ottubru, 2001 ghaddiet in gudikat u din il-Qorti illum hija prekluza milli tirriformha jew tirrevokha f'dan l-istadju .

Fl-istess waqt pero' din il-Qorti thoss li ma tistax tissana procedura zbaljata li intuzat billi tinjora ghal kollox dan l-izball fondamentali fis-sentenza originali li umbaghad wassal biex l-ewwel Qorti imxiet mall-appellant Jeremy James Farrugia skond l-art. 8 (2) tal-Kap.152 minnflok skond l-artikolu 28G (9) ghan-nuqqas tieghu li joqghod ghall-ordni ta' supervizjoni fuqu impost . Inoltre l-piena massima li tista' taghti l-Qorti ghall-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ordni ta' supervizjoni impost fuq il-hati flimkien ma sentenza sospiza ta' habs hija li tordna li s-sentenza sospiza tibda ssehh , jew twahhlu ammenda ta' mhux izjed minn LM100. Issa fis-sentenza appellata pero' l-ewwel Qorti addirittura kkundannat lill-appellant ghall-prigunerija ta' erbatax il-xahar , li huma xaharejn aktar minn dak li gja kienet ikkundannatu fis-sentenza sospiza w cioe' sena prigunerija. Inoltre ma ordnatx li s-sentenza sospiza tibda ssehh w allura din ghadha sospiza w ghadha tezisti b'mod konkomitanti ma w oltre l-piena ta' erbatax il-xahar habs .

Illi din il-Qorti ta’ revizjoni ghalkemm normalment ma tiddisturbax id-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti dwar piena sakemm din ma tkunx sproporzjonata jew tohrog barra mill-parametri tal-ligi , f’dan il-kaz ma thossx li tista’ tissana dan il-kumulu ta’ irregolaritajiet . Illi inoltre la fis-sentenza originali w lanqas fil-provvediment jew ordni li ghamlet l-Ewwel Qorti li dwaru qed isir dan l-appell , ma hemm riferenza ghall-artikoli tal-ligi li tahthom instab hati l-appellant u li ghalihom kien qed jinghata l-piena w dan, apparti li jmur kontra d-dispozittiv tal-artikolu 382 tal-Kap.9 , ikompli jikkomplika s-sitwazzjoni kieku din il-Qorti kellha tidhol biex tezamina jekk il-piena nflitta taqax entro l-parametri tal-ligi tar-reati li suppost instab hati taghhom u li issa qed jigi kastigat ghalihom.

Fid-dawl ta’ dan kollu , ghal dak li jirrigwarda l-kaz ta’ Jeremy James Farrugia , din il-Qorti ma tistax ma thassarx l-0rdni kontenut fis-sentenza tal-21 ta’ Mejju, 2002 , mertu ta’ dan l-appell bhala wiehed null minhabba l-mankanzi hawn fuq riskontrati , b’dana pero’ li l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 t’Ottubru, 2001 , li ghaddiet in gudikat , iridu jibqghu fis-sehh .

***************

Illi fil-kaz ta’ Neil Carl Farrugia, l-Ewwel Qorti fis-sentenza originali tat-18 t’Ottubru, 2001 kienet sabitu hati tal-akkuza ta’ serq, bl-aggravju tal-valur , tal-hin , tal-vjolenza , tal-mezz , tan-natura tal-haga misruqa u ta’ hsara volontarja w dana b’riferenza ghall-reat kontinwat ta’ serq mill-Price Club Discount Supermarket . L-ewwel Qorti fil-kaz ta’ dan l-appellant illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-periodu ta’ tlitt snin u poggietu taht is-supervizzjoni tal-Probation Officer bil-kundizzjoni li jobdi kull ordni moghtija lilu minnha w jzomm kuntatt regolari maghha w dan prezumibilment taht dak li hemm mahsub fl-artikolu 5 tal-Kap.152 u jinghid “prezumibilment” ghax fis-sentenza originali dan l-artikolu ma jissemmiex espressament .

Issa dejjem skond l-artikoli 7 u 8 tal-Kap.152 , jekk jigi pruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti , li tingab quddiema persuna taht probation illi din tkun naqset li thares xi wahda mill-htigijiet ta' l-ordni tal-probation , dik il-Qorti tista' minghajr hsara ghall-kontinwazzjoni tal-ordni tal-probation , twahhalha ammenda ta' mhux izjed minn LM50 jew tista' tittratta mall-persuna taht probation ghar-reat li dwaru l-ordni ta' probation kien gie maghmul b'kull mod li bih il-Qorti kienet tista' tittratta ma dik il-persuna kieku kienet ghadha kif giet misjuba hatja ta' dak ir-reat minn dik il-Qorti jew quddiemha. Ghalhekk fil-kaz ta' dan l-appellant ma kien hemm xejn x'josta li l-Ewwel Qorti tqis il-kaz kif ghamlet taht l-artikolu 8 (2) tal-Kap.152 kif fil-fatt ghamlet .

Lanqas jidher li kien hemm xi difett jew irregolarita' fil-procedura segwita. Di fatti l-Ewwel Qorti rceviet denunzja a tenur tal-art. 7 tal-Kap.152 mill-Probation Officer u agixxiet fuqha billi nnotifikat lill-appellant b'din id-denuncja w appuntat il-kaz ghas-smiegh , ghalkemm strettament lanqas kienet tenuta bil-ligi li taghmel dan skond l-art. 8 (1) li jghid biss li l-Qorti "tista" tohrog tahrika w ma jidhirx li hi obbligata li taghmel dan . Umbaghad , l-art. 8 (2) jghid li jekk jigi "pruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti" li l-persuna taht probation tkun naqset li thares xi wahda mill-htigijiet ta' l-ordni tal-probation tista' jew timmultha jew tittratta maghha. Ta' min josserva li l-ligi f'dan is-subartikolu ma tippreskrivi ebda formalita' rigida li trid tigi segwita biex il-Qorti tkun sodisfatta minn dan il-ksur . Jidher bizzejjed li ssir indagni sal-grad li tissodisfa lill-Qorti minn-nuqqas.

Fil-kaz in ezami , meta sar dan , fil-5 ta' Marzu, 2002 ,"dehret is-Senior Probation Officer Mariella Camilleri li bil-gurament taghha ddikjarat li l-probationers Jeremy James Farrugia u Neil Carl Farrugia ddikjaraw li ma jridux joqghodu taht l-ordni ta' probation u li jridu jmorru l-habs" . Minkejja li din id-dikjarazzjoni guramentata saret quddiem l-appellanti w d-difensur taghhom Dr. Chris Soler , ma jidhirx li giet b'xi mod kontestata minnhom jew kontradetta . B'dana kollu , ghalkemm , kieku riedet l-Ewwel Qorti setghet ipproceddiet oltre skond l-art. 8(2) , dak in-nhar iddifferiet il-kaz ghat-12 ta' Marzu, w reghet

iddiferietu ghall-4 t' April, 2002 , meta regghet xehdet l-istess Probation Officer u qalet li z-zewg appellanti dak iz-zmien kienu l-habs ghax kisru l-kondizzjonijiet tal-liberta' provizorja lilhom moghtija fuq xi kaz iehor. Il-kaz gie umbaghad differit ghat-tielet darba ghall-20 ta' Mejju, 2002 , meta nghata l-provvediment kontenut fis-sentenza appellata . Ta' min jinnota li tul daz-zmien kollu l-appellanti ma ghamlu ebda tentattiv li jikkontestaw dak li kienet xehdet fir-rigward taghhom is-Senior Probation Officer jew li jressqu xi forma ohra ta' difiza fir-rigward .

Ghalkemm ix-xiehda ta' Mariella Camilleri moghtija fl-ewwel seduta tal-5 ta' Marzu, 2002 ma hix traskritta – u ma hemm ebda obbligu legali li tkun – mis-sentenza appellata jidher li din qalet li l-probationers "ma ghamlux progress , li ma jridux joqghodu ghall-ordnijiet taghha w li diga ppakkjaw il-hwejjeg taghhom biex imorru l-habs." "Inoltre infurmat lill-Qorti li huma qed jghixu hajja ombruza u qed jaghmluha ma terzi persuni noti fil-hajja tal-kriminalita." Jidher li l-"concern" u l-prejokkupazzjoni tas-Senior Probation Officer bejn l-ewwel seduta tal-5 ta' Marzu w dik meta regghet xehdet fl-4 t'April, 2002 kien altru minn fondat ghax sadattant huma kienu spiccaw il-habs ghax ma qaghdux ghal xi kondizzjonijiet tal-liberta' provizorja mposta fuqhom in konnessjoni ma xi kaz kriminali iehor.

Taht dawn ic-cirkostanzi , din il-Qorti tifhem u tapprezza li l-Ewwel Qorti, rinfaccata b' dan l-atteggjament ta' sfida tal-appellant Neil Carl Farrugia, ghazlet li tittratta mieghu ghar-reat li tieghu kienet sabitu hati taht l-art. 8 (2) tal-Kap.152.

Ghalhekk fir-rigward ta' dan l-appellant jidher li l-Ewwel Qorti mxiet kif kellha kull dritt li timxi skond il-ligi fic-cirkostanzi w li l-aggravji tal-appellant limitatament dwar kienx hemm jew ma kienx hemm ragunijiet serji bizzejjed biex tittratta mall-appellant jidhru infondati . Dan ghaliex dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza dwar li l-appellanti kienu qalu "li diga' ppakkjaw il-bagalji biex imorru l-habs " jew kliem simili mhux necessarjament ikun jinsab f' xi traskrizzjoni ta' xiehda , ghax ma kien hemm ebda obbligu

li tinzamm traskrizzjoni ta’ xiehda bhal ma hemmx tali obbligu fis-smiegh u trattazzjoni ta’ kawzi sommarji Hu bizzejjed li l-Ewwel Qorti kienet tiftakru mix-xhieda li tkun semghet anki jekk mhux traskritta waqt it-trattazzjoni sommarja li tkun ghamlet dwar id-denuncja. Wara kollox dikjarazzjoni simili fis-sustanza taghha hija ekwipollenti ma dak li hemm fil-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Marzu, 2002, fejn l-ewwel Qorti irrijassumiet u ssintetizzat dak li xehdet il-Probation Officer bil-gurament li l-probationers “jridu jmorru l-habs” . Illi din il-Qorti tara li fuq daqshekk biss l-Ewwel Qorti kellha kull ragun li tkun sodisfatta bil-ksur tal-kondizzjoni tal-probation minnha mposta fuq l-appellant ghax kienet qed tigi rinfaccata bi sfida diretta ghall-awtorita’ taghha w kienet qed tara li l-fiducja li kienet poggiet fl-appellant fis-sentenza originali taghha fejn tatu l-opportunita’ li jirriforma ruhu , ma kienetx qed tigi reciprokata mill-appellant imma rigettata w respinta . Din il-Qorti mhux ser tissostitwixxi d-diskrezjoni taghha ghal dik tal-Ewwel Qorti fil-valutazzjoni tas-sitwazzjoni li giet rinfaccata biha bl-agir ta’ dan l-appellant . Din il-Qorti lanqas ma ghandha l-funzjoni li toqghod tara x’kienu d-direttivi li l-Probation Officer kienet tat lil-appellant u jekk dawn kienux rigoruzi zzejjed jew irragonevoli w jekk l-appellant setax joqghod ghalihom . Dik hija valutazzjoni ta’ fatt li kellha kull dritt li taghmel l-ewwel Qorti sal-grad li jissodisfa lilha w din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni Taghha ghal dik tal-Ewwel Qorti fir-rigward.

Illi pero’ ghar-rigward tal-aggravju jekk l-ewwel Qorti kienetx ikkonsidrat li l-appellant Neil Carl Farrugia kienx ghadu minorenni meta kkometta r-reati li taghhom kien instab hati , din il-Qorti kkonstatat li mill-process li jinsab alligat ma dan il-process jirrizulta li dan l-appellant twieled fit-28 ta’ Gunju, 1982 u li ghalhekk meta kkommetta r-reati li taghhom instab hati , huwa kien ghadu minorenni. Bhala tali , skond l-artikolu 37 tal-Kap.9 , la darba jirrizulta li huwa kellu bejn l-erbatax u t-tmintax il-sena meta kkometta r-reati in kwistjoni, l-piena kellha titnaqqas bi grad jew tnejn.

Min dan kollu pero’ ma jissemma xejn fis-sentenza appellata kif del resto ma jissemma xejn fis-sentenza originali .

Illi dwar l-aggravju dwar il-piena , meta din il-Qorti giet biex tezamina ezatt x’seta’ jehel bhala piena l-appellant ghar-reati li taghhom instab hati , biex umbaghad tara kemm ghandha tkun ir-riduzzjoni skond l-artikolu precitat , iltaqghet mad-diffikulta’ li diga accennat ghaliha w cioe’ li la fis-sentenza originali li ghaddiet in gudikat u lanqas fis-sentenza appellata ma huma msemmija l-artikoli tal-ligi li tahtom l-appellant kien instab hati.

Illi din il-Qorti ma tistax tirrikostruwixxi hi l-artikoli tal-ligi li tahthom suppost instabet htija billi toqghod tara w tindovna taht x’hiex jistghu jaqghu r-reati deskritti fis-sentenza originali w dik appellata.Lanqas ma tista’ tassumi li dawn l-artikoli huma l-istess artikoli li jkun inkluda l-Avukat Generali fir-rinviju quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghax jista’ jaghti l-kaz li l-Ewwel Qorti ma ssibx htija fir-rigward tal-artikoli kollha ndikati mill-istess Avukat Generali. Ghalhekk din il-Qorti mhux f’pozizzjoni li tivvaluta jekk is-sentenza taqax entro l-parametri legali w jekk hix wahda gusta jew sproporzjonata w jekk ittiehidx kont tal-fatt li l-appellant kien ghadu minorenni w jekk kellux jitnaqqas jew le z-zmien li l-appellant seta’ kien ghamel arrestat in konnessjoni mar-reati li tahthom instab hati .

Illi dan in-nuqqas fiz-zewg sentenzi imur kontra d-dispozittiv tal-art. 382 tal-Kodici Kriminali w jirrendi s-sentenza appellata nulla taht dan l-aspett ghaliex fil-kliem tal-art. 428 (3) tal-Kodici Kriminali “nkisret jew ma saritx xi formalita’ li trid il-ligi that piena ta’ nullita’ jew li tkun xort’ ohra sostanzjali “.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tannulla w thassar is-sentenza appellata fir-rigward tal-appellant Neil Carl Farrugia w , biex ma tipprivax lill-appellant mill-beneficcju tad-“doppio esame” qed terga tirrinvija l-kawza lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali , biex isir dak li ghandu jsir skond il-ligi fid-dawl

ta’ dak li jintqal aktar il fuq f’din is-sentenza w b’hekk tiddisponi mill-appell tieghu .

(ft) Joseph G. Galea Debono.

Imhallef

John Farrugia
Dep. Registratur

12.12.02